PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 7879

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 440 tal-31 ta' Ottubru 2016 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA – INVESTIGAZZJONIJIET**

**51. L-Onor. Michael Falzon isaqsi lill-Ispeaker:** B'referenza għad-domanda parlamentari numru 48 indirizzata lill-Onor. Speaker tal-Kamra u r-risposta mogħtija għaliha fil-25 ta' Lulju 2016, jista' l-Onor. Speaker iġib spjegazzjoni dettaljata mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali dwar:

(i) X'wassal fil-fatt sabiex ir-rapport dwar *encroachment permits* illi ngħataw bejn Diċembru 2012 u Marzu 2013, dam sentejn sħaħ sabiex tlesta?

(ii) Jidhirlux l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali illi kien hemm ċertu tkaxkir tas-saqajn u tqanżiħ fit-tħejjija ta' dan ir-rapport, meta mid-domanda parlamentari fuq indikata, jirriżulta illi fl-aħħar tmien snin, dan kien l-aktar rapport illi dam biex jitħejja, meta bħala fatt kien hemm materji akbar soġġetti għal investigazzjoni?

(iii) X'passi kienu ttieħdu mill-Awditur Ġenerali ta' dakinhar, is-Sur Anthony Mifsud, u mis-Sur Charles Deguara, illum Awditur Ġenerali, meta kienet inġibditilhom l-attenzjoni illi impjegat fl-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, li ismu qiegħed jidher b'mod separat, kien, fl-opinjoni tal-ħaddiema tal-*Government Property Department*, qed iġib ruħu b'mod politikament partiġġjan waqt it-tħejjija ta' dan ir-rapport?

18.10.16

**SPEAKER:** L-informazzjoni li s-Sedja rċeviet mingħand l-Awditur Ġenerali hija li b'referenza għall-paragrafu (i) tal-mistoqsija, jixtieq jinforma lill-Onor. Interpellant li għalkemm it-talba minn żewġ deputati tal-Gvern saret lill-President tal-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi fit-30 ta' Novembru 2013, it-talba min-naħa tal-imsemmi Kumitat saret lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fil-25 ta' Awwissu 2014.

L-Awditur Ġenerali jinforma wkoll lill-Onor. Interpellant li l-Uffiċċju kellu problemi sabiex jiġbor l-informazzjoni kollha dwar il-każ minħabba dewmien biex tinġabar l-informazzjoni li kellu bżonn fl-analiżi tiegħu.

Fir-rigward tal-paragrafu (ii) tal-mistoqsija, l-Awditur Ġenerali jirreferi lill-Onorevoli Michael Falzon għat-tweġiba mogħtija fil-paragrafu ta' hawn fuq.

Bi tweġiba għall-paragrafu (iii) tal-mistoqsija, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għandu l-obbligu li jassigura li kull impjegat tiegħu, inkluż il-persuna msemmija f'din il-mistoqsija, jimxi bl-aktar mod korrett u oġġettiv u ebda imġiba ta' natura politika partiġġjana ma hi assolutament tollerata kif joħroġ ċar mill-*Code of Ethics* li kull impjegat għandu d-dover li jsegwi bl-aktar mod skrupoluż u mingħajr ebda eċċezzjoni. Każijiet li jistgħu jinqalgħu jiġu

trattati bl-aktar mod ġust u oġġettiv.  Kif jista' japprezza l-Onor. Interpellant, deċiżjonijiet interni li jistgħu jittieħdu jiġu trattati bl-aktar mod kunfidenzjali.

Seduta Numru 440
31.10.16